**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għas-Sajd*

**2018/0012(COD)**

13.7.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE
(COM(2018)0033 – C8-0014/2018 – 2018/0012(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cláudia Monteiro de Aguiar

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-Għan 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jiġbed l-attenzjoni għat-theddidiet ta' tniġġis tal-baħar u tan-nutrijenti, it-tnaqqis tar-riżorsi u t-tibdil fil-klima, li kollha huma kkawżati primarjament minn azzjonijiet tal-bniedem. Dawk it-theddidiet ipoġġu aktar pressjoni fuq sistemi ambjentali, bħall-bijodiversità u l-infrastruttura naturali, filwaqt li joħolqu problemi soċjoekonomiċi globali, inklużi riskji għas-saħħa, is-sikurezza u finanzjarji. L-Unjoni Ewropea jenħtieġ li taħdem biex tipproteġi l-ispeċijiet tal-baħar u tappoġġa lill-persuni li jiddependu mill-oċeani, kemm jekk tkun għall-impjieg, ir-riżorsi jew id-divertiment.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) L-inizjattivi tas-settur tas-sajd li għandhom l-għan li jnaqqsu l-iskart mis-sajd jew li jirkupraw l-iskart tal-plastik, inkluż irkaptu tas-sajd mitluf, jenħtieġ li jintlaqgħu tajjeb.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi l-prinċipji ewlenin tal-immaniġġjar tal-iskart, inkluż il-prinċipju ta’ “min iniġġes iħallas” u l-ġerarkija tal-iskart, li titlob preċedenza tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart fuq tipi oħra ta’ rkupru u rimi tal-iskart u tesiġi l-istabbiliment ta’ sistemi għall-ġbir separat tal-iskart. ***Dawn*** l-obbligi japplikaw ukoll għall-immaniġġjar ta’ skart minn bastimenti. | (11) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi l-prinċipji ewlenin tal-immaniġġjar tal-iskart, inkluż il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-ġerarkija tal-iskart, li titlob preċedenza tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart fuq tipi oħra ta' rkupru u rimi tal-iskart u tesiġi l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġbir separat tal-iskart. ***Barra minn hekk, il-kunċett ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huwa prinċipju gwida tal-liġi tal-Unjoni dwar l-iskart, li abbażi tiegħu l-produtturi huma responsabbli għall-impatti ambjentali tal-prodotti tagħhom matul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom. Dawk*** l-obbligi japplikaw ukoll għall-immaniġġjar ta' skart minn bastimenti. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) F'ċerti Stati Membri, ġew stabbiliti skemi li jipprovdu finanzjament għas-sajjieda għall-ispejjeż li jistgħu jġarrbu b'riżultat tal-konsenja fuq l-art ta' skart ta' rkaptu tas-sajd jew skart mistad attivament jew passivament. Dawk l-iskemi jistgħu jiġu appoġġati minn skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, li jistgħu jikkomplementaw is-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż stabbiliti f'konformità ma' din id-Direttiva. Bħala tali, jenħtieġ li dawk is-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż ma joħolqux diżinċentiv biex bastimenti tas-sajd u komunitajiet tal-portijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***jipparteċipaw fi skemi eżistenti ta' konsenja għal skart mistad attivament jew passivament.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18b) Sabiex jippromwovu l-konsenja tal-iskart mistad b'mod passiv maqbud fix-xbieki matul l-operazzjonijiet normali tas-sajd, l-Istati Membri jenħtieġ li jkopru l-ispejjeż assoċjati mal-ġbir tiegħu fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u mal-immaniġġjar sussegwenti tiegħu, permezz tad-dħul iġġenerat minn sorsi alternattivi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li din id-Direttiva tindirizza wkoll l-iskart mistad b'mod passiv. Il-konsenja ta' skart mistad b'mod passiv jenħtieġ li ma tirriżultax fi spejjeż addizzjonali għall-bastimenti tas-sajd. L-ispejjeż tal-ġbir ta' skart mistad b'mod passiv fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u t-trattament sussegwenti jenħtieġ li jkunu ffinanzjati permezz ta' sorsi alternattivi ta' dħul.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-kunċett ta' "Bastiment ekoloġikament sensittiv" għandu jiġi ***żviluppat aktar*** fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart, b'mod sistema effettiva ta' premjazzjoni tkun tista' tiġi implimentata għal dawk il-bastimenti li jnaqqsu l-iskart tagħhom abbord. | (19) Il-kunċett ta' "Bastiment ekoloġikament sensittiv" għandu jiġi ***implimentat*** fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi madwar l-Unjoni***, b'mod ***li*** sistema effettiva ta' premjazzjoni tkun tista' tiġi implimentata għal dawk il-bastimenti li jnaqqsu l-iskart tagħhom abbord***, f'konformità mal-aħjar prattiki u l-linji gwida tal-2017 tal-IMO għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***implimentazzjoni tal-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-iskart jinkiseb primarjament permezz ta' segregazzjoni effettiva tal-iskart abbord f'konformità mal-linji gwida tal-IMO għall-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL u l-istandards żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' "Bastiment ekoloġikament sensittiv" għandu jiġi implimentat issa stess, partikolarment peress li diġà jeżistu linji gwida ċari dwar dan.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) L-irkaptu tas-sajd tal-plastik għandu potenzjal għoli ta' riċiklaġġ, b'mod partikolari meta jkun imfassal kif xieraq. Għaldaqstant, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li jiġu stabbiliti skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex jiffinanzjaw il-ġestjoni tajba tal-iskart għall-irkaptu tas-sajd u l-komponenti tiegħu u biex jinkisbu rati għolja ta' ġbir.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti għal "responsabbiltà estiża tal-produttur" (EPR) għandhom ukoll jiġu stabbiliti għall-irkaptu tas-sajd.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) Il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jenħtieġ li jitqiesu meta tiġi żgurata l-adegwatezza tal-faċilitajiet ta' akkoljenza tal-port f'reġjuni li jista' jkun li ma jkunux jistgħu jikkonformaw magħhom. L-istatus speċjali tagħhom jenħtieġ għalhekk li jittieħed kont tiegħu. Għal dik ir-raġuni, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw miżuri ta' finanzjament speċifiċi sabiex ikunu jistgħu jiżguraw id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "skart minn bastimenti" tfisser kull skart, inkluż il-fdalijiet tal-merkanzija, li huma ġġenerati matul is-servizz ta' bastiment jew matul it-tagħbija, ħatt jew operazzjonijiet ta' tindif, ***jew skart li jinġabar fix-xbieki matul l-operazzjonijiet tas-sajd,*** u li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi I, II, IV, V u VI tal-MARPOL***;*** | (c) "skart minn bastimenti" tfisser kull skart, inkluż il-fdalijiet tal-merkanzija, li huma ġġenerati matul is-servizz ta' bastiment jew matul it-tagħbija, ħatt jew operazzjonijiet ta' tindif, u li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi I, II, IV, V u VI tal-MARPOL**.** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forom kollha ta' skart relatati mas-sajd għandhom jiġu definiti sabiex jiġi garantit li obbligi inġusti jiġu esklużi, bħal tali skart tal-ħut marbut ma' operazzjoni abbord.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) "skart minn bastimenti tas-sajd" tfisser kull skart li huwa ġġenerat matul is-servizz ta' bastiment tas-sajd jew matul operazzjonijiet ta' tagħbija, ħatt u tindif, u jaqa' direttament u individwalment taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi I, II, IV, V u VI tal-MARPOL, iżda eskluż ħut sħiħ frisk jew mhux frisk minn attivitajiet tas-sajd li jsiru matul il-vjaġġ jew f'attivitajiet tal-akkwakultura.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forom kollha ta' skart relatati mas-sajd għandhom jiġu definiti sabiex jiġi garantit li obbligi inġusti jiġu esklużi, bħal tali skart tal-ħut marbut ma' operazzjoni abbord.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) "skart miġbur passivament" tfisser skart li jinġabar fi xbieki matul operazzjonijiet tas-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forom kollha ta' skart relatati mas-sajd għandhom jiġu definiti sabiex jiġi garantit li obbligi inġusti jiġu esklużi, bħal tali skart tal-ħut marbut ma' operazzjoni abbord.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) "skart miġbur attivament" tfisser skart li jinġabar matul vjaġġi mhux tas-sajd bl-għan waħdieni li jitneħħa l-iskart tal-baħar mill-baħar;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forom kollha ta' skart relatati mas-sajd għandhom jiġu definiti sabiex jiġi garantit li obbligi inġusti jiġu esklużi, bħal tali skart tal-ħut marbut ma' operazzjoni abbord.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) "vjaġġ tas-sajd" tfisser kull vjaġġ ta' bastiment tas-sajd li matulu jitwettqu attivitajiet tas-sajd, mill-mument li fih il-bastiment tas-sajd jitlaq mill-port u sal-wasla lura fil-port jew f'port ieħor fejn isir il-ħatt;*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għal irkaptu tas-sajd u komponenti tal-irkaptu tas-sajd li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2008/98/KE, u*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji modulati li jħeġġu t-tqegħid fis-suq ta' rkaptu tas-sajd maħsub biex jippromwovi r-riċiklaġġ;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jadottaw u jimplimentaw skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) obbligatorji f'konformità mal-kundizzjonijiet operattivi minimi kif stabbiliti fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta, b'enfasi fuq it-tariffi mmodulati biex jinkoraġġixxu d-disinn ta' rkaptu li jkun faċilment riċiklabbli.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw miżuri ta' finanzjament speċifiċi sabiex ikunu jistgħu jiżguraw id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jingħataw deroga ta' sentejn dwar l-obbligi ddikjarati hawn fuq għar-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom, jekk dawk ir-reġjuni jitqiesu li ma jkunux jistgħu jiżguraw l-adegwatezza tal-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għall-portijiet ***żgħar mingħajr persunal*** jew dawk li jinsabu f'postijiet remoti, sakemm | Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għall-portijiet ***mingħajr persunal, għal portijiet*** żgħar jew dawk li jinsabu f'postijiet |

| | |
|---|---|
| l-Istat Membru ta’ fejn dan ikun jinsab il-port ta’ dan it-tip ikun irrapporta dan it-tagħrif b’mod elettroniku fil-parti tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 ta’ din id-Direttiva. | remoti, sakemm l-Istat Membru ta' fejn dan ikun jinsab il-port ta' dan it-tip ikun irrapporta dan it-tagħrif b'mod elettroniku fil-parti tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kull meta bastiment qed jikkonsenja l-iskart tiegħu f'jiem mhux tax-xogħol jew barra l-ħinijiet normali tax-xogħol f'portijiet żgħar, huwa probabbli li dawn il-portijiet ikollhom ftit wisq persunal, u l-bastiment jista' ma jiksibx l-irċevuta tal-konsenja tal-iskart.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Jekk it-tagħmir tas-sajd mitluf ma jistax jiġi rkuprat, il-kaptan tal-bastiment għandu jdaħħal l-informazzjoni dwar dan fil-ġurnal ta' abbord. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kostali.*** <br> ***L-informazzjoni dwar l-irkaptu tas-sajd mitluf għandha tinġabar u tiġi rreġistrata mill-Istati Membri u għandha tiġi trażmessa kull sena lill-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-abbozz tar-rapport fil-Kumitat TRAN, il-Kumitat responsabbli, fih rekwiżiti simili iżda kieku jinkludi delega ta' awtorità lill-Kummissjoni fir-rigward tal-format ta' rappurtar. L-adattament tar-rekwiżiti għall-kliem tal-Artikolu 1(42) tal-proposta għal Regolament fir-rigward tal-kontrolli tas-sajd (COM(2018)368 final) jevita l-ħolqien ta' rekwiżiti potenzjalment diverġenti.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jekk il-port tal-waqfa li jmiss ikun jinsab barra l-Unjoni, ***jew ikun*** hemm raġunijiet li jagħtu lil wieħed x'jifhem li dak il-port ma għandux disponibbli faċilitajiet xierqa, jew dak il-port ma jkunx magħruf, l-Istat Membru għandu jirrikjedi lill-bastiment li jikkonsenja l-iskart tiegħu qabel it-tluq. | 7. Jekk il-port tal-waqfa li jmiss ikun jinsab barra l-Unjoni***, u jkun*** hemm raġunijiet li jagħtu lil wieħed x'jifhem li dak il-port ma għandux disponibbli faċilitajiet xierqa, jew dak il-port ma jkunx magħruf, l-Istat Membru għandu jirrikjedi lill-bastiment li jikkonsenja l-iskart tiegħu qabel it-tluq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Wisq inqas meta l-bastimenti għandhom biżżejjed kapaċità ta' ħżin biex jibqgħu joperaw mingħajr ma jkollhom bżonn jikkonsenjaw parzjalment l-iskart, iżda l-aktar importanti fid-dawl tal-Brexit, huwa strett wisq ir-rekwiżit li l-bastimenti jikkonsenjaw l-iskart kollu lil port tal-Unjoni Ewropea qabel it-tluq. Pereżempju, l-eżenzjoni ma tkunx applikabbli għal bastiment tas-sajd li jitlaq minn Franza, iħott l-art il-ħut f'port tar-Renju Unit u jirritorna. Dan jgħodd għar-reġjuni ultraperiferiċi.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż tal-operat ta' faċilitajiet ta' akkoljenza tal-portijiet għall-akkoljenza u l-ipproċessar tal-iskart mill-bastimenti, għajr il-fdalijiet tal-merkanzija, ***għandhom*** ikunu koperti ***permezz tal-ġbir*** ta' ***tariffa*** mill-bastimenti. Dawk l-ispejjeż jinkludu l-elementi elenkati fl-Anness 4. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż tal-operat ta' faċilitajiet ta' akkoljenza tal-portijiet għall-akkoljenza u l-ipproċessar tal-iskart mill-bastimenti, għajr il-fdalijiet tal-merkanzija, ikunu koperti ***minn għaqda*** ta' ***tariffi miġbura*** mill-bastimenti***, dħul minn skemi ta' ġestjoni tal-iskart u fondi oħrajn***. Dawk l-ispejjeż jinkludu l-elementi elenkati fl-Anness 4. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sabiex tipprovdi inċentiv massimu għall-konsenja tal-iskart kif definit fl-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL, ***inkluż*** l-iskart li jkun inġabar ***fix-xbieki matul l-operazzjonijiet*** tas-sajd***,*** it-tariffa li għandha titħallas għandha tkopri l-ispejjeż kollha tal-faċilitajiet tal-akkoljenza tal-port ***għall-iskart*** għal dan l-iskart, sabiex tiżgura d-dritt ta’ konsenja mingħajr l-ebda spejjeż diretti addizzjonali***;*** | (c) sabiex tipprovdi inċentiv massimu għall-konsenja tal-iskart kif definit fl-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL, l-iskart li jkun inġabar ***attivament jew passivament minn bastimenti*** tas-sajd ***għandu jkun eżenti mill-applikazzjoni tal-iskema ta' tariffa diretta stabbilita f'din id-Direttiva.*** It-tariffa li għandha titħallas għandha tkopri l-ispejjeż kollha tal-faċilitajiet tal-akkoljenza tal-port għal dan l-iskart, sabiex tiżgura d-dritt ta' konsenja mingħajr l-ebda spejjeż diretti addizzjonali***.*** |
| | ***Miżuri oħra jistgħu jiġu stabbiliti u ffinanzjati fil-livell nazzjonali u reġjonali sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u sabiex jipprovdu inċentivi għas-sajjieda biex b'mod attiv u passiv jiġbru l-iskart.*** |
| | ***Sabiex jiġi evitat li l-ispejjeż tal-ġbir fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u tat-trattament sussegwenti tal-iskart mistad b'mod passiv isofruhom biss l-utenti tal-port, l-Istati Membri għandhom ikopru dawn l-ispejjeż kollha kemm huma mid-dħul iġġenerat mis-sorsi alternattivi ta' dħul elenkati fl-Anness 4;*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. It-tariffi jistgħu ivarjaw rigward, fost ħwejjeġ oħra, il-kategorija, it-tip u d-daqs tal-bastiment u t-tip ta’ traffiku li l-bastiment ikun involut fih, kif ukoll fir-rigward ta’ servizzi pprovduti barra l-ħin normali tal-ħidma fil-port. | 4. It-tariffi jistgħu ivarjaw rigward, fost ħwejjeġ oħra, il-kategorija, it-tip u d-daqs tal-bastiment***, ir-rikonoxximent ta' "Bastiment ekoloġikament sensittiv"*** u t-tip ta' traffiku li l-bastiment ikun involut fih***, id-diversi tipi u kategoriji ta' skart definiti fl-Anness 3 u għad-diversi tipi ta' akkoljenza skont it-tip ta' port***, kif ukoll fir-rigward ta' servizzi pprovduti barra l-ħin |

| | |
|---|---|
| | normali tal-ħidma fil-port. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. It-tariffi għandhom jiġu mnaqqsa jekk id-disinn, it-tagħmir u l-operat tal-bastiment huma tali li jkun jista' jintwera li l-bastiment jipproduċi kwantitajiet imnaqqsa ta' skart, ***u*** jimmaniġġja l-iskart tiegħu b'mod sostenibbli u li jirrispetta lill-ambjent. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 19, sabiex tiddefinixxi l-kriterji sabiex jiġi stabbilit bastiment li jkun jissodisfa r-rekwiżiti ddikjarati f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart abbord tal-bastiment. | 5. It-tariffi għandhom jiġu mnaqqsa jekk id-disinn, it-tagħmir u l-operat tal-bastiment huma tali li jkun jista' jintwera li l-bastiment jipproduċi kwantitajiet imnaqqsa ta' skart, ***jew*** jimmaniġġja l-iskart tiegħu b'mod sostenibbli u li jirrispetta lill-ambjent ***permezz ta' separazzjoni tal-iskart abbord skont il-pjanijiet ta' ġestjoni stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali***. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 19, sabiex tiddefinixxi l-kriterji sabiex jiġi stabbilit bastiment li jkun jissodisfa r-rekwiżiti ddikjarati f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart abbord tal-bastiment. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-arranġament skont il-punt (b) ikun evidenzjat b'kuntratt iffirmat ma' port jew ma' kuntrattur tal-iskart, b'irċevuti tal-konsenja tal-iskart ***u b'konferma li l-arranġament ġie aċċettat mill-portijiet kollha tul ir-rotta tal-bastiment***. L-arranġament għall-konsenja u għall-ħlas tat-tariffa jrid isir f'port li jkun jinsab fl-Unjoni sabiex jikkostitwixxu biżżejjed evidenza skont dan il-paragrafu. | (c) l-arranġament skont il-punt (b) ikun evidenzjat b'kuntratt iffirmat ma' port jew ma' kuntrattur tal-iskart, ***u*** b'irċevuti tal-konsenja tal-iskart. L-arranġament għall-konsenja u għall-ħlas tat-tariffa jrid isir f'port li jkun jinsab fl-Unjoni sabiex jikkostitwixxu biżżejjed evidenza skont dan il-paragrafu. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu li l-portijiet kollha fuq ir-rotta tal-bastiment għandhom espressament jaċċettaw u jikkonfermaw li bastiment ikun iddeċieda li jikkonsenja l-iskart tiegħu, skont skema tal-iskart, f'port partikolari, iżid burokrazija żejda u piż tax-xogħol kemm għall-bastimenti tas-sajd kif ukoll għall-awtoritajiet tal-port, filwaqt li ma jikkontribwixxix għall-kisba tal-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Dispożizzjonijiet tal-Istati Membri*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet kollha jipprovdu akkoljenza lill-bastimenti tas-sajd, bl-eċċezzjoni ta' portijiet remoti jew dawk b'għadd żgħir biss ta' bastimenti tas-sajd, jistabbilixxu inizjattivi ta' sajd għall-iskart biex jiġu mħeġġa l-ġbir u l-kejl ta' skart mistad b'mod passiv minn attivitajiet normali ta' sajd.*** |
| | ***2. Tali skemi għandhom jiġu stabbiliti skont il-linji gwida stipulati fir-Rakkomandazzjoni OSPAR 2016/1 dwar it-tnaqqis tal-iskart fil-baħar permezz tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' sajd għall-iskart.*** |
| | ***3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu u jżommu fond nazzjonali biex jappoġġaw il-ġbir ta' skart mistad b'mod passiv minn bastimenti tas-sajd. Il-Fond jista' jintuża biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-inizjattivi ta' sajd għall-iskart, inkluż id-dispożizzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin ta' skart abbord, il-monitoraġġ ta' skart mistad b'mod passiv, l-edukazzjoni u l-promozzjoni ta' parteċipazzjoni volontarja fl-inizjattiva, l-ispejjeż ta' trattament tal-iskart u biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' persunal meħtieġa għall-funzjonament ta'*** |

***skemi bħal dawn.***

***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li data dwar il-kwantitajiet ta' skart mistad b'mod passiv hija miġbura u maħżuna f'bażi tad-data nazzjonali jew reġjonali għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-fondi nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru [sentejn wara l-adozzjoni], u wara dan għandhom jissottomettu rapporti biennali kull sentejn dwar l-attivitajiet iffinanzjati taħt dan l-Artikolu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Fishing for litter initiatives were first launched in 2002 in Sweden. Quantities of waste collected by such schemes can be substantial. The OSPAR Convention adopted guidelines on how to develop a fishing for litter project (OSPAR Agreement 2017-08). Such schemes are voluntary but require significant engagement to ensure that vessel crew participate in the scheme. Fishing vessels must be provided with a large, sturdy bag to separately collect waste that has been passively fished, and once back at port the waste should be weighed and the data collected before disposal. Due to the monetary cost involved in the establishment and running of such schemes, it is possible that the 100% indirect fee for garbage delivery fees in ports could be increased substantially to cover these costs. As most of the passively fished waste would not have originated from fishing activities, there is an argument that fishing vessels should not be obliged to pay for it. Indeed if they were this would provide an incentive to not participate in such activities. A national fund would spread the costs for fishing for litter across all maritime users in that area.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 9b*** |
| | ***Ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd u l-komponenti tal-irkaptu tas-sajd. Minbarra r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 8a*** |

| | |
|---|---|
| | ***tad-Direttiva 2008/98/KE, dawk l-iskemi għandhom jinkludu tariffa modulata biex tħeġġeġ it-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tas-sajd iddisinjat u ppreparat għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jadottaw u jimplimentaw skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) obbligatorji f'konformità mar-rekwiżiti minimi kif stabbiliti fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta, b'enfasi fuq tariffi mmodulati biex iħeġġu d-disinn ta' rkaptu li jkun faċilment riċiklabbli.*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 4 – tabella – kolonna 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dħul*** |
| | ***Ir-rikavati mill-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) u finanzjament nazzjonali/reġjonali, inklużi l-elementi ta' dħul elenkati hawn taħt.*** |
| | ***- Ġbir, trasport u trattament għal skart miġbur mhux separat (skart kopert mill-EPR iżda li ma jidħolx fil-kanal tal-ġbir separat, eż. skart miġbur flimkien ma' skart muniċipali mħallat);*** |
| | ***- Għoti ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika;*** |
| | ***- Azzjonijiet ta' prevenzjoni tal-iskart;*** |
| | ***- Prevenzjoni u ġestjoni tal-iskart;*** |
| | ***- Infurzar u sorveljanza tas-sistema EPR (inklużi verifika, miżuri kontra l-opportunisti, eċċ.);*** |
| | ***- Amministrazzjoni, komunikazzjoni, ġestjoni tad-data u rappurtar b'rabta mal-operazzjoni ta' skemi kollettivi;*** |
| | ***- Finanzjament taħt il-FEMS;*** |
| | ***- Finanzjament jew sussidji oħrajn*** |

| | |
|---|---|
| | ***disponibbli għall-portijiet għal ġestjoni tal-iskart u s-sajd.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 4 - sottotitolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kategoriji tal-ispejjeż ***għall-operat*** u l-amministrazzjoni ta' PRF | Il-kategoriji tal-ispejjeż ***u d-dħul nett b'rabta mal-operat*** u l-amministrazzjoni ta' PRF |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun tajjeb li jiġi speċifikat ukoll id-dħul nett, peress li dan għandu jintuża inter alia biex ikopri l-ispejjeż iġġenerati minn skart mistad b'mod passiv.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 4 – tabella – kolonna 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dħul nett*** |
| | ***Ir-rikavati netti minn skemi tal-ġestjoni tal-iskart u finanzjament nazzjonali/reġjonali, inklużi l-elementi ta' dħul elenkati hawn taħt.*** |
| | ***Benefiċċji netti ġejjin minn skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.*** |
| | ***–Dħul nett ieħor mill-ġestjoni tal-iskart bħall-iskemi ta' riċiklaġġ.*** |
| | ***–Finanzjament fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.*** |
| | ***–Finanzjament jew sussidji oħrajn disponibbli għall-portijiet għal ġestjoni tal-iskart u s-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun tajjeb li jiġi speċifikat ukoll id-dħul nett, peress li dan għandu jintuża inter alia biex ikopri l-ispejjeż iġġenerati minn skart mistad b'mod passiv.*

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| [ikteb isem il-bastiment] [ikteb in-numru tal-IMO] | [ikteb isem il-bastiment] [ikteb in-numru tal-IMO] ***[ikteb l-Istat Membru tal-bandiera]*** |
| huwa fi traffiku skedat bi żjarat frekwenti u ***regoli*** fil-port(ijiet) li jinsab(u) fi [ikteb isem l-Istat Membru] skont skeda jew rotta predeterminata: | huwa fi traffiku skedat ***jew vjaġġi tas-sajd*** bi żjarat frekwenti u ***regolari*** fil-port(ijiet) li jinsab(u) fi [ikteb isem l-Istat Membru] skont skeda jew rotta predeterminata: |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa evidenti li d-Direttiva tiffoka prinċipalment fuq it-trasport marittimu, madankollu, bastimenti tas-sajd u rikreattivi wkoll iwettqu vjaġġi skedati b'waqfiet frekwenti u dħul regolari fil-portijiet li għalihom għandhom ikunu possibbli eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' konsenja obbligatorja ta' skart minn bastimenti, notifika bil-quddiem tal-iskart, u ħlas ta' tariffa obbligatorja f'ċerti portijiet tul ir-rotta.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titlu** | il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja tal-iskart minn bastimenti |
| **Referenzi** | (COM(2018)0033 – C8-0014/2018 – 2018/0012(COD)) Onor. |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>5.2.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | il-Kumitat PECH<br>19.4.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Cláudia Monteiro de Aguiar<br>20.3.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 21.3.2018 20.6.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 11.7.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 1<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Alain Cadec, Richard Corbett, Linnéa Engström, João Ferreira, Sylvie Goddyn, Mike Hookem, Ian Hudghton, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Norica Nicolai, Liadh Ní Riada, Ulrike Rodust, Annie Schreijer-Pierik, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, Giuseppe Ferrandino, Francisco José Millán Mon |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Deirdre Clune, Dieter-Lebrecht Koch, Fernando Ruas, Wim van de Camp |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 22 | + |
|---|---|
| ALDE | António Marinho e Pinto, Norica Nicolai |
| ECR | Peter van Dalen, Remo Sernagiotto, Ruža Tomašić |
| PPE | Alain Cadec, Wim van de Camp, Deirdre Clune, Dieter-Lebrecht Koch, Werner Kuhn, Francisco José Millán Mon, Fernando Ruas, Annie Schreijer-Pierik |
| S&D | Clara Eugenia Aguilera García, Nicola Caputo, Giuseppe Ferrandino, Ulrike Rodust, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas |
| VERTS/ALE | Marco Affronte, Linnéa Engström, Ian Hudghton |

| 1 | - |
|---|---|
| EFDD | Mike Hookem |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ENF | Sylvie Goddyn |
| GUE/NGL | João Ferreira, Liadh Ní Riada |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni